Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **19 ta' Mejju 2021**

**Il-fenomenu tal-passa diskuss fil-webinar li jmiss ta' Heritage Malta**

Il-passa tal-annimali, partikolarment dik tal-għasafar, se tkun is-suġġett tal-webinar li jmiss ta' Heritage Malta, li se jixxandar dirett fuq Facebook nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, fis-6.30pm.

John J. Borg, Kuratur Anzjan għall-Istorja Naturali fi ħdan Heritage Malta u ornitologu b'aktar minn 35 sena esperjenza, se jagħti ħarsa dettaljata lejn dan il-fenomenu li jseħħ darbtejn fis-sena u li ilu jsaħħar lill-bniedem sa mill-ibgħad żminijiet, kif jixhdu diversi artefatti li missirijietna ħallew warajhom fis-siti neolitiċi tagħna. Minkejja dan il-faxxinu, kien relattivament riċenti li l-bniedem beda jiskopri fejn imorru u minn fejn jiġu l-għasafar meta jpassu.

Filwaqt li jiddeskrivi l-preferenzi ta' speċi differenti ta' għasafar huma u jpassu – bħal jekk jippreferux jittajru fuq l-art jew fuq il-baħar, binhar jew billejl – is-Sur Borg se jelenka wkoll il-bosta tbatijiet li jgħaddu minnhom l-għasafar tul il-vjaġġ iebes tagħhom u jagħti tagħrif dwar id-distanzi twal li jkopru, u li jvarjaw skont l-ispeċi.

Il-webinar, li hu bla ħlas, se jinkludi tagħrif dwar l-istorja tal-użu taċ-ċrieket fl-istudju tal-għasafar u kif din l-għodda għar-riċerka ddaħħlet f'Malta wkoll, filwaqt li tingħata dimostrazzjoni ta' kif għasfur jitlibbes ċurkett. Se jingħata wkoll tagħrif dwar liema huma l-postijiet ideali mnejn wieħed josserva l-movimenti tal-għasafar.

Il-webinar se jinkludi sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet, u se jsir bil-Malti iżda jkun hemm sottotitli bl-Ingliż. Il-parteċipanti li jixtieqcu jagħmlu mistoqsijiet lis-Sur Borg għandhom jirreġistraw minn qabel hawnhekk:
https://zoom.us/webinar/register/WN_w7pK8EQZRGWL1GwIXWtD-Q